**Laqgha Numru 26/K6/2012**

**Introduzzjoni**

Is-Sitta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 18 ta' Lulju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.40 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Ghall-partijiet mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-11 ta' Lulju 2012. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 25/K6/2012.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 25/K6/2012.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Rapport finanzjarju April – Gunju 2012.**
- **10. Kwotazzjoni 30/2011, 06 sa 17/2012 u 26 sa 28/2012.**
- **11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **12. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 25/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 25/K6/2012 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex tigi diskussa item 9 qabel item 2.

1.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.45pm.***

## 09. Rapport finanzjarju April – Gunju 2012.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu April – Gunju 2012 kif ipprezentat. **(Ara Dok. B)**

9.02. L-Accountant Romina Perici Ferrante tat spjegazzjoni tad-dhul u hrug li kellu l-Kunsill fil-perjodu April – Gunju 2012.

9.03. Wara diskussjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

9.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Accountant u talabha thalli l-kamra.

9.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tinghata kjarifika dwar il-fondi ta' €12,745.00 allokati taht Community & Hospitality. Il-kelliema rrimarkat li l-Kunsill seta' provda xi ikel jew ta' l-anqas ilma minghajr hlas waqt l-attivita' ta' Jum Pembroke.

9.08. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fil-laqgha li jmiss ser jinghata rendikont ta' kif l-ammonti huma allokati. Dwar l-attivitajiet ta' Jum Pembroke, il-kelliem irrimarka li l-Kunsill ma jistax jipprovdi ikel u /jew xorb minghajr hlas.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 25/K6/2012.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 25/K6/2012 item 2.08, ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.17 u ghall-korrispondenza numru **46/3156/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha b'urgenza mad-dirigenti ta' Arriva fuq l-ipparkjar ta' vetturi tal-linja antiki li qed jitpoggew fis-sit tal-Park & Ride, kif ukoll kien ippropona li jekk sa l-ahhar ta' Mejju 2012 ma jkunx hemm risposta konkreta minnaha ta' Arriva fuq dan, il-Kunsill jorganizza Press Conference fil-post, kif ukoll fejn sussegwentament is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li skond l-ahhar korrispondenza li rcieva l-Kunsill minghand l-Arriva, intqal li dawn qed jinbieghu u daqt jitnehhew kollha u ghalhekk il-Kunsill kellu jaghti cans lill-Arriva sa l-ahhar ta' Gunju, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel Press Conference nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2012 fl-10.00am quddiem Blokk 7 fi Triq Patri Serafin Zarb.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 25/K6/2012 item 2.12, ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.30 u ghall-korrispondenza numru **46/3186/12/O** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ad hoc fuq dan is-suggett biex isiru

numru / lista ta' kriterji li jkunu jistghu jigu applikati skond l-offerti partikulari, **is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghadu qed jistenna struzzjonijiet meta ser issir din il-laqgha.**

2.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-laqgha ssir nhar l-Erbgha 25 ta' Lulju 2012 f'12.00pm.

2.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 25/K6/2012 item 2.15, ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.117 u ghall-korrispondenza numru **46/3740/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li jidher li l-vot tal-Kunsill ma jippermettiex l-ispiza biex isir id-dawl kollu propost fi Triq Martin Luther King u ghalhekk kien ippropona li ghandha ssir spezzjoni tal-post halli jigi vverifikat fejn jistghu isiru lampi mal-hitan ta' l-iskejjel tal-madwar minflok m'arbli, u ghalhekk kien talab biex jekk il-Kunsillieri jridu, jistghu jiltaqghu l-ghada l-Hamis fit-3.30pm u jmorru jzuru l-post biex jaraw fejn l-ahjar jehlu l-fanali, u la darba l-Kunsill japprova l-proposta halli jkun jista' jintalab il-permess ta' l-Enemalta, **il-kelliem informa lill-Kunsill li din l-ispezzjoni ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2012 fil-11.00am.**

**46/3872/12/I** 17/05/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bis-sentenza ta' l-Appell 65/2006/15 – Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 25/K6/2012 item 14.02 u ghall-korrispondenza numru **46/3872/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill, wara li jircievi d-dokument ta' l-offerti emendat mill-Perit, u wara li jigi approvat mill-Kunsill, johrog sejha gdida ghall-embellishment taz-zewg gonna Madre Teresa ta' Kalkutta u l-4 ta' Lulju, inkluz li fejn ghad hemm apparat li skond il-Gvern huwa kkundannat, dan jigi nkluz fit-tender biex jitnehha mmedjatament kif ukoll li ghandhom jigu nfurmata r-residenti permezz ta' cirkulari ta' dan il-process kollu, **is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit ghadu ma baghatx id-dokumenti necessarja.**

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 25/K6/2012 item 14.22 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghad ghandu pendenti laqgha mar-residenti ta' Triq il-Mediterran dwar l-installazzjoni ta' road humps, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrimarka li data ghal din il-laqgha ghad trid tigi deciza, **wara diskussjoni li saret,** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill ghandu jinsisti mar-Regjun li jsiru Speed Camera fi Triq il-Mediterran vis-a-vis il-periklu li hemm kif ukoll jigu mitluba spjegazzjoni min huwa responsabbli ghall-installazzjoni ta' CCTV inkluz l-ispejjez u s-supervizjoni taghhom. Il-kelliem qal, li wara li l-Kunsill jircievi r-risposti, issir il-laqgha mar-residenti koncernata.

2.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill m'ghandux bzonn jistenna lir-Regjun biex jaghmel speed cameras u CCTV ghax Kunsilli ohra qed jaghmluhom u dan ghal beneficcju tar-residenti tal-lokal. Il-kelliema rrimarkat ukoll li dan it-tul ta' zmien qed iwassal biex il-Kunsill qed jispicca ma jaghmel xejn u jaqa' ghar-redikolu mar-residenti.

2.13. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-infurzar tal-Ligi huwa fir-responsabbilita' tar-Regjun u mhux tal-Kunsill u ghalhekk ikun inutli li l-Kunsill jaghmel cameras.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekondata mis-Sindku Joe Zammit.

**46/4415/12/I**
06/06/2012

Ittra minghand l-Avukat tas-sur Mario Mallia jinforma lill-Kunsill li ladarba l-Bord ta' l-Appell iddecieda li d-decizjoni tal-Kunsill ghandha tigi ddikjarata nulla, allura huwa ghandu ragun u qed jitlob danni ta' €3,3567.94. Intant wara li s-Segretarju Ezekuttiv irrefera din lill-avukat taghna; gejna nfurmati mill-avukat tal-Kunsill li dan ma ghandux ragun u se jinfurmah**.**

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 25/K6/2012 item 14.40 u ghall-korrispondenza numru **46/4415/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jistenna l-ezitu mir-risposta tal-avukat tal-Kunsill, **is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm saru diversi tentattivi ma' l-Avukat tal-Kunsill, s'issa ghad ma kien hemm ebda rispons.**

2.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Avukat tal-Kunsill jigi mitlub biex jibghat it-twegibiet tieghu aktar malajr minhabba li dan id-dewmien fuq risposti huwa naccettabbli.

2.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 073/2012** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjonijiet 30/2011 u 05 sa 23/2012 **(Ara Dok C); Internal Memo 074/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Ghaqda Anzjani Pembroke **(Ara Dok D); Internal Memo 075/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Voluntiera ta' Malta Red Cross Society **(Ara Dok E); Internal Memo 076/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur B. Ellul fil-prezenza tal-Pulizija u TM **(Ara Dok F); Internal Memo 077/2012** b'rapport tal-Progett ENVOY vis-a-vis it-tielet laqgha li saret fi Crnomelj, Slovenia **(Ara Dok G); Internal Memo 078/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 25/K6/2012 u 26/K6/2012 **(Ara Dok H); Internal Memo 079/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 25/K6/2012 u 26/K6/2012 **(Ara Dok I);** Programm ta' l-Attivitajiet ta' Jum Pembroke **(Ara Dok J);** Kopja t'ittra 46/5201/12/O dwar is-sitwazzjoni tal-play areas fil-lokal **(Ara Dok K)** u kopja tal-progett tal-Kunsill taz-Zghazagh. **(Ara Dok L)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-13 ta' Gunju u t-18 ta' Lulju 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4566/12/I** 13/06/2012 Email minghand Absolute Cleaners fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex ipoggu zewg skips x'imkien fiz-zoni li qed jiehdu hsieb sabiex jaghmlu uzu minnhom waqt ix-xoghol taghhom.

**46/4780/12/I** 19/06/2012 Email minghand l-avukat Luciano Busuttil fejn baghat twegiba dwar l-uzu ta' skips kbar tal-hadid fejn wiegeb li l-Kunsill jista' jaghti l-permess izda jkun qed ibiddel il-kundizzjonijiet ta' tender pubbliku u jista' jesponi ruhu ghad-danni u l-Kunsill jista' jitlob il-mizata ta' l-iskips.

**46/4786/12/I** 20/06/2012 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn informat lill-Kunsill li taqbel ma' l-email li baghat l-avukat dwar l-uzu ta' open skips.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4566/12/I, 46/4780/12/I u 46/4786/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din it-talba ma tistax tigi milqugha ghax tibdel il-kuncett tal-kuntratt meta hareg u jista' johloq lok ghal-protest/appell. Ghalhekk il-kelliem ippropona li l-kumpanija Absolute Cleaners jigu nfurmata li t-talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4577/12/I** 13/06/2012 Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. sabiex jinbidlu spralli fi Triq Dun Guzepp Farrugia **Option 1** ghall-prezz ta' **€1,614** u **Option 2** ghall-prezz ta' **€517.20**.

**46/4731/12/I** 18/06/2012 Kwotazzjoni riveduta minghand il-Kuntrattur J&K Contractors Ltd. ta' **€297.60** sabiex jinbidlu l-ispralli ta' Triq Dun Guzepp Farrugia.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4577/12/I u 46/4731/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova x-xoghol bi spiza ta' €297.60.

6.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4581/12/I** 13/06/2012 Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. ghal tiswija ta' Graffiato mal-Bini tal-Kunsill ghall-prezz ta' €594.00.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4581/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li dan il-prezz huwa wiehed esagerat ghall-persuna li hija pensjonanta u ghalhekk ippropona l'issir kwadrant tal-metall li jehel fl-art u jitla' mal-koxxa u b'hekk tkun protezzjoni ghal quddiem. Il-kelliem irrimarka li wara li jingabru l-istimi, ix-xoghol jerga' jitla' ghall-approvazjoni tal-Kunsill.

6.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-istima tal-kuntrattur kienet tinkludi wkoll zebgha tal-parti t'isfel kollha minhabba li huwa mpossibbli li jitqabbel il-kulur tal-graffiato.

**46/4582/12/I** Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. ghal tiswijiet tal-

13/06/2012 hitan li hawn quddiem il-Bini tal-Kunsill **Option 1** ghall-prezz ta' **€2,895** u **Option 2** ghall-prezz ta' **€6,000.00**.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4582/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din l-istima kienet intbaghtet lil TM.

6.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew, TM infurmaw lill-Kunsill li kienu hargu sejha ghall-offerti, liema sejha jidher li ma tinkludiex dan ix-xoghol.

**46/4583/12/I** 13/06/2012 Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. ghal twittija ta' hamrija fil-Picnic Area ghall-prezz ta' €432.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4583/12/I** il-Kunsillier Joe Brincat ippropona biex il-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni.

6.15. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li qabel il-Kunsill jiehu decizjoni hemm bzonn l'issir spezzjoni.

***6.17. Fis-6.30pm il-Kunsillier Joe Brincat talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

6.18. Wara diskussjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha ssir spezzjoni nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2012 u jekk il-Kunsill jaqbel li ghandu jsir ix-xoghol, ghandha tinhareg il-Works Order relatata.

6.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.20. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.21. Il-mozzjoni giet approvata.

6.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija kienet ivvutat kontra minhabba li d-decizjoni dwar ghandux isir ix-xoghol jew le, ghandha tittiehed fil-laqgha tal-Kunsill li jkun imiss wara l'issir l-ispezzjoni.

**46/4643/12/I** 14/06/2012 Ittra minghand l-iskola Verdala fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar permess ghac-caqlieq t'arblu ta' l-injam informaw lill-Kunsill li t-talba giet diskussa waqt laqgha tal-bord u t-talba ma gietx milqugha.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4643/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill inehhi l-kaxxa tal-parkegg ta' quddiem l-arblu.

6.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4653/12/I** 15/06/2012 Ittra minghand is-sur Edmund Sciberras li joqghod Blk 3, Hse 3, Triq Bice Mizzi Vassallo fejn informa l-Kunsill li m'ghadux jiehu hsieb il-bicca hamrija li kienet inghatat lilu.

**46/4708/12/I** 18/06/2012 Ittra minghand is-Sinjura Stella Farrugia li toqghod Blokk 3, Flt 4 , Triq Bice Mizzi Vassallo fejn informat lill-Kunsill li m'ghadiex tiehu hsieb il-bicca hamrija.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4653/12/I u 46/4708/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-siti li r-residenti jirrifjutaw li jkomplu jiehdu hsiebhom, ghandhom jigu ndukrati mill-kuntrattur tal-Kunsill u eventwalment jinzerghu fihom xi sigar.

6.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.29. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li hemm bicca hamrija li fil-passat kienu jindukrawa l-familja Bartolo li toqghod Blokk 5, Hse 4, Trejqet Don Giovanni Miriti, fejn jirrizulta li tinstab abbandunata u talab li l-kuntrattur tal-Kunsill jaqta' l-haxix selvagg li hemm.

**46/4666/12/I** 15/06/2012 Email minghand il-Primary Health Care fejn b'riferenza ghat-talks li saru fil-Kunsill talbet nibghatu l-feedback dwar kif sibna t-talks u jekk kienx hemm xi problema.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4666/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment biex jergghu jsiru dawn id-diskussjonijiet ghar-residenti.

6.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4709/12/I** 18/06/2012 Email minghand Ms. Maria Vella fejn talbet biex isir xi haga fit-triq li mill-main road tidhol ghal Triq Sir Adrian Dingli minhabba li hija veru perikoluza.

**46/4721/12/I** 18/06/2012 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtet Ms. Maria Vella dwar it-triq li mill-main road tidhol ghal Triq Sir Adrian Dingli talbet biex tkun diskussa fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

**46/4879/12/I** 23/06/2012 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill minghand Ms. Maria Vella rigward Triq Sant'Andrija talab sabiex tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss u talab sabiex tinkiteb ittra lil TM fejn jigu nfurmata bil-htiega l'issir pedestrian crossing.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4709/12/I, 46/4721/12/I u 46/4879/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jigu nfurmata TM biex kemm jista' jkun malajr isir xi haga f'din iz-zona biex tigi evitata xi dizgrazzja.

6.34. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill ifakkar lil TM li fil-passat il-Kunsill kien ghamel proposta biex tizdied mal-progett ta' TENT.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel kuntatt ma' EF fejn jigu nfurmata biex l-istudenti jaqsmu t-toroq tal-lokal inkluz fil-By Pass fi grupp sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghas-sewwieqa.

6.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4718/12/I** 18/06/2012 Email minghand is-Sur Julian Micallef fejn ressaq zewg punti ghall-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-hajt t'ilqugh li hemm l'iddawwar il-binja tal-muzew fejn talab biex il-kuntrattur jimmodifika l-kantuniera u dwar it-tabelli nieqsa li hemm fi Triq Arnhem fejn jipprojbixxu lis-sewwieqa hergin minn Triq Arnhem ghat-triq principali jduru ghan-naha ta' Jessie bar.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4718/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-MEPA jigu nfurmata b'dan l-ilment kif ukoll li l-Kunsill jitlob il-parir ta' TM biex tinstab soluzzjoni rigward il-hrug minn Triq Arhnem minhabba l-periklu li

hemm. Il-kelliem ippropona li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lill-Kunsill Lokali Swieqi.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4725/12/I** 18/06/2012 Memo 25/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-Kontroll fuq il-firxa tal-Bumunqar l-ahmar.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4725/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Contracts Manager jigi nfurmat b'dan u jintalab jipprovdi l-informazzjoni necessarja.

6.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4734/12/I** 18/06/2012 Memo 26/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-European Mobility Week - Car Free Day 2012 Kompetizzjoni ghall-Kunsilli Lokali: 'Moving in the right Direction', l-ahjar ghaxar proposti jinghataw sponsorship ta' €2,000 bhala ghinuna biex issir l-attivita'. Il-proposti iridu jintbghatu sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2012.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4734/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zmien biex il-Kunsill jippartecipa kien skada.

6.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jistaqsi lid-Dipartiment dwar jekk kienx hemm xi estenzjoni. Il-kelliema pproponiet li jekk hemm estenzjoni, l-Kunsill ghandu jara li jippartecipa.

6.47. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4766/12/I** 19/06/2012 Email minghand il-J&K Contractors Ltd. fejn baghat lista ta' invoices li ghadhom pendenti fuq il-kiri tal-jerseys bejn Ottubru 2011 sa Jannar 2012 - €203.03 u Frar 2012 sa Mejju 2012 - €106.29.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4766/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-konok tal-konkos ghandhom jitnehhew ghax issa twal iz-zmien li suppost TM ghamlet il-barriers u mhux sew li l-Kunsill jibqa' ihallas ghal nuqqas ta' haddiehor. Il-kelliem ippropona wkoll li TM jintalbu sabiex sa l-ahhar tax-xahar isibu soluzzjoni jew sahansitra jintalbu jhallsu ghall-ispejjez li saru mill-Kunsill.

6.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4774/12/I** 19/06/2012 Memo 27/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghall-Korsijiet ta' Lifelong Learning 2012-13. Kunsilli interessati ghandhom jibghatu risposta sat-30 ta' Gunju 2012.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4774/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien skada z-zmien li l-Kunsill jiehu sehem.

6.53. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jistaqsi jekk kienx hemm xi estenzjoni. Il-kelliema pproponiet li jekk hemm estenzjoni, l-Kunsill ghandu jara li jippartecipa.

6.54. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4777/12/I** 19/06/2012 Email minghand id-Drug Squad fejn talbu biex issir laqgha mas-sezzjoni ta' kontra d-Drogi ghax-xahar ta' Lulju 2012.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4777/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir din il-laqgha matul il-gurnata f'12.00pm.

6.57. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4782/12/I** 19/06/2012 Email minghand il-Kuntrattur J&K Contractors Ltd. fejn staqsa jekk il-kwotazzjoni li baghat biex isir xoghol ta' tiswija tal-kurduna fi Triq il-Kurunell Cocks c/w Salvatore Castaldi gietx approvata u jekk jistax isir ix-xoghol. **(€245.00)**

6.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4782/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol isir.

6.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4790/12/I** 20/06/2012 Email minghand l-Agenzija Zghazagh fejn informat lill-Kunsill li nhar is-Sibt 30 ta' Gunju bejn id-9.00am u 12.00 gewwa Dar il-Mediterran se jithabbru tlett progetti tal-Kunsill Lokali Zghazagh li gew maghzula mill-Kumitat tal-ghazla sabiex ikunu ffinanzjati.

**46/5008/12/O** 30/06/2012 Email mibghuta lill-membri tal-Kunsill fejn gew infurmata li l-progett tal-Kunsill taz-zghazagh gie approvat.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4790/12/I u 46/5008/12/O** is-Sindku Joe Zammit ta' proset lill-Kunsill taz-Zghazagh u lill-Kunsill.

6.63. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill l'issa ser jibda x-xoghol fuq it-twettieq tal-progett fejn il-Kunsill huwa obbligat li jiffinanzja 25% tal-progett jigifieri massimu ta' €2,500.00. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill ukoll li kull hlas relatat mal-progett l-ewwel irid isir mill-Kunsill u wara jkun hemm rimburzar mill-Agenzija Zghazagh.

6.64. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jigbor l-istimi kollha li hemm bzonn fuq dan il-progett.

6.65. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4793/12/I** 20/06/2012 Email minghand ir-residenta Tanya Brincat fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna nformat lill-Kunsill li jappogjaw id-decizjoni tal-Kunsill l'issir speed camera fi Triq il-Mediterran.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4793/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

**46/4800/12/I** 20/06/2012 Email minghand TM fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill biex Triq Gioacchino Le Brun issir two way informat il-Kunsill li huma ma jsibux oggezzjoni basta jigu osservati numru ta' kundizzjonijiet.

**46/5098/12/I** 04/07/2012 Email minghand it-TM fejn b'riferenza ghat-two way traffic ta' Triq Gioacchino Le Brun baghtet il-linji ta' gwida ghall-implimentazzjoni ta' l-

immanigjar ta' traffiku u mizuri ta' sigurta'.

**46/5099/12/I** 04/07/2012 Email minghand it-TM fejn informat lill-Kunsill li biex Triq Gioacchino Le Brun tkun two way road ma jistax isir parkegg fit-triq minhabba li mhux wiesa' bizzejjed.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4800/12/I, 46/5098/12/I u 46/5099/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgha mar-residenti biex ikunu r-residenti stess li jiddeciedu jekk jaqblux l'issir Two Way u jitnehhew il-parking spaces li hemm minhabba li t-Triq mhux wiesa' bizzejjed.

6.69. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4812/12/I** 21/06/2012 Email minghand ir-Regjun Tramuntana fejn baghtu kwestjonarju biex nimlewh dwar is-servizz tal-gwardjani lokali.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4812/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.72. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien iccirkolah lill-membri kollha tal-Kunsill izda ghajr ghall-Kunsillier Joe Brincat, hadd ma baghat il-kummenti tieghu.

**46/4819/12/I** 21/06/2012 Email minghand il-Commonwealth War Graves Commission is-Sur Mark Fitzgerald fejn informa l-Kunsill li ghamel applikazzjoni mal-MEPA ghall-qlugh ta' sigra protetta mic-cimiterju izda l-MEPA nfurmawh li biex jinghata permess irid ihawwel 10 sigriet fil-komunita' u talab nindikaw sit fejn jistghu jithawwlu.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4819/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u li s-sigar jithawlu f'Ottubru li gej u jsiru 3 znuber hdejn il-Familja Bartolo li toqghod Blokk 5, Hse 4, Trejqet Don Giovanni Miriti u l-kumplament 7 taz-zebbbug fil-gnien ta' San Patrizju.

6.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4837/12/I** 21/06/2012 Email minghand Pembroke Athleta Football Club fejn informa l-Kunsill li l-kumitat haseb li l-Kunsill nesihom u nforma l-Kunsill bl-unuri li kiseb il-klabb matul l-ahhar stagun.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4837/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u fil-fatt il-klabb gie onorat f'Jum Pembroke.

**46/4845/12/I** 22/06/2012 Kwotazzjoni minghand Sea Shells ghal Gurnata Ghawdex li jinkludi ikel u trasport ghall-prezz ta' €13 inkluz il-VAT ghall-kbar u €7 ghat-tfal.

6.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4845/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4853/12/I** 22/06/2012 Kwotazzjoni minghand Viking Sign Studio ghal roller banner ghall-prezz ta' €295+VAT print inkluz.

**46/4860/12/I** 22/06/2012 Email minghand The Foto Grafer Ltd. fejn b'riferenza ghall-email li baghtna baghat lista bil-prezzijiet ta' banner stands li joffru.

**46/4875/12/I** 23/06/2012 Kwotazzjoni minghand AM to PM Co. Ltd. ghal roll up stands b'diversi prezzijiet u qisien.

**46/4928/12/I** 26/06/2012 Kwotazzjoni minghand Print Art ghal roll up stands ghall-prezz ta' €85.00 eskluz il-Vat u l-artwork.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4853/12/I, 46/4860/12/I, 46/4875/12/I u 46/4928/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet intghazlet l-offerta ta' Print Art biex sar il-banner roll up ta' l-OSDDT kif ukoll jekk ikun hemm bzonn xoghol simili iehor ghall-istess progett u ghall-Medstrategy.

6.79. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4870/12/O** 22/06/2012 Email mibghuta lis-Sindku fejn gie nfurmat li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irritornat ic-cwievet tal-Kunsill kollha u tlabna linja ta' gwida dwar x'jista' jsir biex jigi assigurat li ma jezistu ebda kopji ohra ta' cwievet tal-Kunsill.

**46/4872/12/I** 23/06/2012 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill rigward ic-cwievet tal-Kunsill infurmat lill-Kunsill li ghandna nsaqsu min mill-Kunsilliera jixtieq li jzomm ic-cwievet u jinhargu set godda ghal dawk li jixtiequ jkollhom ic-cwievet.

**46/4873/12/I** 23/06/2012 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill rigward ic-cwievet tal-Kunsill informa lill-Kunsill li ghandu jigbor ic-cwievet ta' kulhadd u naghmlu cavetta gdida ghal dawk li jixtiequ li jkollhom cavetta.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4870/12/O, 46/4872/12/I u 46/4873/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinbidlu s-sellaturi tal-bibien ta' barra u tal-librerija u kull Kunsillier, jekk ikun irid, jitlob kopja lis-Segretarju Ezekuttiv.

6.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4884/12/I** 23/06/2012 Ittra minghand il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn b'riferenza ghall-ilment li dahal il-Kunsill rigward li hu qed jiehu hsieb bicca art fejn Juno Flats, ikkonferma dan u talab il-kunsens tal-Kunsill sabiex jibqa' jiehu hsiebha bla pretenzjoni.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4884/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhal ma sar ma residenti ohra, il-Kunsill ghandu jaghti l-istess permess u kundizzjonijiet lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

6.85. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.86. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4890/12/I** 25/06/2012 Ittra minghand il-Pembroke Scouts fejn b'riferenza ghal Jum Pembroke infurmaw lill-Kunsill li ser jattendu u rigward il-bugles infurmaw lill-Kunsill li dawn kienu inghataw lilhom bhala rigal waqt Jum Pembroke u qatt ma uzawhom minhabba li ghad m'ghandomx banda minhabba hafna ragunijiet fosthom finanzjarja.

6.87. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4890/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4891/12/I** 25/06/2012 Email minghand ir-resident Michael Salnitro fejn talab biex jinghataw ir-residential parking minhabba l-problema ta' parking li hemm in-naha ta' San Gorg fejn qed tkompli tikber u issa la jitlesta l-progett il-problema ser tkompli tizdied.

**46/4898/12/I** 25/06/2012 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li l-Kunsill ircieva minghand is-sur Michael Salnitro talbet sabiex tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

6.88. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4891/12/I u 64/4898/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill ghamel l-applikazzjoni ghal parkegg residenzjali ghal din iz-zona ukoll.

**46/4843/12/I** 22/06/2012 Kwotazzjoni minghand Koptaco ghal trasport minn Pembroke ghac-Cirkewwa u lura ghall-prezz ta' €120 + VAT.

**46/4892/12/I** 25/06/2012 Kwotazzjoni minghand Arthur and John ghal trasport minn Pembroke ghac-Cirkewwa u lura ghall-prezz ta' €118.

**46/4985/12/I** 28/06/2012 Kwotazzjoni minghand Zarb Coaches ghal servizz ta' trasport minn Pembroke ghac-Cirkewwa u lura ghall-prezz ta' €100 + VAT.

6.89. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4843/12/I, 46/4892/12/I u 46/4985/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4900/12/I** 25/06/2012 Email minghand Coruna Co. Ltd. fejn talbu lill-Kunsill sabiex jiktbilhom ittra sabiex tkun tista’ tinghata lura garanzija bankarja li kienu ghamlu mal-MEPA sabiex setghu jahdmu fi Triq Dun Amabile Sisner kantuniera ma' Triq il-Kurunell Lorenzo Manche’.

6.90. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4900/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-ewwel ghandha ssir spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill u jekk ikun hemm konferma li ma saret ebda hsara, il-MEPA ghandhom jigu mitluba jirrilaxxaw il-Garanzija Bankarja relatata.

6.91. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4931/12/I** 26/06/2012 Email minghand TM is-Sur Josie Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtna sabiex Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' u Triq Gabriele Henin tkun one way biss waqt il-hin ta' dhul u hrug mill-iskola informaw lill-Kunsill li accettaw it-talba.

6.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4931/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna t-tabelli relatata.

6.94. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4959/12/I** 27/06/2012 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghat-tqassim ta' materjal informa l-Kunsill li huwa jhoss li l-Kunsill ghandu jqassam cirkulari lir-resdenti biex jipprovdu letter box fejn tintlahaq u l-flattijiet li ghandhom il-letter boxes fuq gewwa jaghtuna mod kif inwasslulhom il-posta.

6.96. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4959/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel laqgha mal-kumpanija minhabba li s-servizz li qed jinghata minn Premiere Post m’huwiex sodisfacenti.

6.97. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.98. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4972/12/I** 28/06/2012 Email minghand is-Sur Raphael Carabott fejn b'riferenza ghall-email li baghtna nforma l-Kunsill li huwa ma kienx prezenti meta sar ix-xoghol mill-Koptasin fi Triq Juno.

6.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4972/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol jigi approvat minhabba li dan ix-xoghol kien gie ordnat minnu wara konsultazzjoni mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u bi zvista s-Segretarju Ezekuttiv ma kienx infurmat.

6.100. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.101. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.102. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li huwa kien baghat numru t'emails lill-Koptasin u lill-CM bhala oggezzjonijiet ghall-kont ta' dan ix-xoghol u ghalhekk issa jkun ghaqli li s-Sindku Joe Zammit jibghat email lil dawk koncernata fejn jinfurmhom li x-xoghol kien gie ordnat minnaha tieghu minghajr ma' huwa kien infurmat.

**46/4996/12/I** 30/06/2012 Ircevuta li gab resident li joqghod Juno Flats is-sur Joe Mallia ghal xiri ta' pompa li xtraw ir-residenti ta' Juno Flats bl-ammont ta' €57 minghand Forex Hardware Store.

6.103. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4996/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din l-ircevuta kien talaba huwa biex tkun irregistrata mal-Kunsill ghall-verdett mid-Direttur wara li dan ser jaghmel z-zjara f'Juno Flats. Il-kelliem irrakkomanda li jekk il-Kunsill jinghata l-approvazzjoni li x-xoghol li jsir f'Juno Flats mhux kontra xi regola, il-Kunsill ghandu jhallas dawn il-flejjes.

6.104. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li dan ma jistax isir.

6.105. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li biex isir hlas ta' affarijiet simili, l-ewwel irid ikun hemm approvazzjoni tal-Kunsill, tinhareg il-works order ufficjali u t-talba ssir mill-Kunsill u mhux minn terzi persuni.

**46/5016/12/I** 02/07/2012 Ittra minghand il-BOV fejn talbu bex nibghatu lura l-garanzija bankarja numru G15TFC24424 ta' €500 tas-Sur Carmel Mazzitelli.

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5016/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din ser tigi rilaxxata minhabba li hija skaduta.

6.107. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li dan ser ikun ifisser li l-kuntratt qed jigi abbandunat u ghalhekk qatt ma jigi ffirmat.

6.108. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill tmejjel bil-kuntrattur minhabba li l-Kunsill qatt ma ha decizjoni formali biex ikun iffirmat il-kuntratt. Il-kelliema talbet l'issir investigazzjoni ghala l-kuntratt qatt ma gie ffirmat. Il-kelliema rrimarkat ukoll li l-kuntrattur ghandu jigi kkumpensat ghall-interessi li tilef.

**46/5018/12/I** 02/07/2012 Ittra minghand is-sinjura Romina Xuereb fejn talbet il-permess tal-Kunsill biex fil-weekends fi zmien is-Sajf tarma kiosk bejn il-ground u reverse osmosis.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5018/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-talba taghha ghandha tigi rifjutata.

6.110. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.111. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5139/12/I**
05/07/2012

Kwotazzjoni minghand il-Kuntrattur J&K Contractors Ltd. ta' €497 sabiex issir pjattaforma tal-konkos taht il-litter bins li ser jitwahhlu fi Triq il-Mediterran.

6.112. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5139/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-istima ta' €497.00 ghandha tigi accettata u x-xoghol isir kemm jista' jkun malajr.

6.113. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.114. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.115. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-agenda biex tigi diskussa item 11 qabel il-kumplament.

6.116. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.117. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezena l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok M, N, O, P u Q)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr il-kont tal-J&K Contractors Ltd. minhabba li ghadhom ma gewx iccertifikati mill-Perit tal-Kunsill, il-kont ta' Philip Seguna ghandu jitnaqqas minnu l-ammont zejjed li thallas bi zvista fil-perjodu Dicembru 2011 – Mejju 2012 u jintalab il-parir ta' l-Avukat dwar jekk ghandux isir tnaqqis vis-a-vis in-nuqqas ta' skips fil-lokal wara li dawn gew vandalizzata, il-kont PPG/004 ta' Absolute Cleaners Ltd. ma jithallasx minhabba li mhux sottomess abbazi tat-tender, il-kont ta' WasteServ jithallas kif rakkomandat mill-AKL u l-kont tal-Med Developers, Designers & Consultants Ltd. riferenza 3442 jithallas biss €26.01 minhabba li ma tistax tithallas VAT doppja.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-CM ghandu jaghti spjegazzjoni lill-Kunsill kif irrakkomanda l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' Absolute Cleaners Ltd. meta huwa stess f'email ikkonferma li hemm xoghol mitlub lill-kuntrattur li ma sarx. Il-kelliema irrimarkat li hija thoss li l-kont m'ghandux jithallas kollu.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li bir-rati tal-kuntratt u abbazi tar-rapport tal-CM, huwa jhoss li l-kont ghandu jithallas kollu kif ipprezentat.

11.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.07. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

11.08. Il-kontijiet gew approvata kif propost.

11.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir laqgha mal-CM kemm jista' jkun malajr.

11.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.12. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.45pm, wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar nhar it-Tnejn 20 ta' Awwissu 2012 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |